# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M.,LL.D

Appell Nru: 117/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Eugenio Hili**

Seduta tat-26 t'April, 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Eugenio Hili detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 280564M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-5 ta' Mejju, 2014 ghall-habta ta' 2.15pm fi Pjazza Federiku Mample, Hal Qormi: (1) kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied; (2) ngurja u hedded lil WPC 39 S. Fenech, persuna inkarigata mis-servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb illi jbezza' jew jinfluwixxi fuqha kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqha kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz; u (3) naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn WPC 39 S. Fenech;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Frar, 2015, li biha sabet lill-appellant hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' tmien mitt Ewro (€800) u lliberatu mill-ewwel imputazzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Eugenio Hili, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fejn l-appellant ma nstabx hati tal-ewwel imputazzjoni, izda **tirrevoka** fejn l-appellant instab hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensur tal-appellant kif ukoll lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. L-aggravji tal-appellant dwar din is-sentenza huma tnejn. Fl-ewwel wiehed jikkwerela dik il-parti tas-sentenza li cahdet l-eccezzjoni tieghu ta' *ne bis in idem.* Fit-tieni aggravju imbaghad l-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx issibu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni. Dan ghalhekk jinnecessita riezami tal-provi akkolti;

2. Mill-provi in atti jemergi, illi l-appellant, allura imputat, kien pparkeggja l-vettura minnu misjuqa u pproceda bil-mixi biex imur jigbor lill-ibnu mill-iskola. Meta rritorna ttenta jsuq il-vettura tieghu b'lura ghaliex f'dak il-hin it-triq kienet mghaluqa ghat-traffiku minhabba l-hrug tat-tfal mill-iskola. Genituri li kienu fit-

triq bdew jirrimostraw l-azzjoni tal-appellant u ghalhekk, Pulizija li kienet fuq is-sit ghall-bon ordni, infurmatu li kellu jistenna sakemm terga' tiftah it-triq u ghalhekk kienet ser tharrku talli kien saq b'lura. L-appellant wissiha biex toqghod attent jekk kienet ser tharrku u minnufih qalilha sabiex anzi tharrku u ttih in-numru taghha. L-ufficcjal tal-Pulizija deherilha illi l-attitudini u d-diskors tal-appellant kien intiz bhala theddid u b'hekk spicca jwiegeb ghall-imputazzjonijiet odjerni;

3. Quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant kien issolleva l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* u dan ghaliex huwa kien ircieva tahrika ghal-kontravvenzjoni konsistenti fi dhul fi triq kontra s-sinjal ta' traffiku u kien hallas ghall-istess b'ricevuta ezebita in atti. L-ewwel Qorti kienet cahdet din l-eccezzjoni u hekk ser taghmel din il-Qorti anke jekk ghal raguni diversa. In sostenn tal-eccezzjoni tieghu, l-appellant kien esebixxa tahrika dwar kontravvenzjoni ta' sinjal tat-traffiku mahruga fuq certu Anna Hili kif ukoll ricevuta ta' hlas tal-istess tahrika ukoll mahruga fuq Anna Hili. Issa sabiex tkun konsiderata b'success l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, hu necessarju li jirrizulta, fost elementi ohra, li l-persuna li tressaq l-eccezzjoni tkun l-istess persuna imputata u misjuba hatja jew liberata f'kawza ohra dwar l-istess fatti. Mid-dokument esebit mill-istess appellant dan ma jirrizultax u ghalhekk l-eccezzjoni tiddifetta mill-ewwel u forsi l-aktar ingredjent importanti, dik tal-prova li kien hemm gudizzju kontra l-appellant fi proceduri qabel dik odjerna. L-ewwel aggravju ghalhekk qed ikun michud;

4. Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi billi talab lill-ufficcjal tal-Pulizija in-numru taghha ma jigix b'daqshekk illi ghandu jinstab hati tar-reat ravvizat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Itenni illi persuna li thossha aggravata bl-imgieba tal-Pulizija li tkun qed tgholli lehinha u tabbuza mill-posizzjoni taghha bhala ufficcjal pubbliku ma tkunx qed tikkometti r-reat ipotizzat fl-

imputazzjoni jekk titlobha n-numru taghha anzi huwa dritt ta' kull cittadin u mezz biex jitrazzan l-abbuz ta' ufficcju pubbliku;

L-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali kif emendat bl-Att V tal-2014 tal-25 ta' Marzu, 2014 jipprovdi hekk:

**95. Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew jhedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, mizjud b'zewg gradi u ghal multa ta' mhux inqas min tmien mitt euro (800) u mhux izjed minn hamest elef euro (5000).**

6. Kif ritenut mill-Qrati taghna fuq medda ta' snin, dan ir-reat huwa wiehed ta' oltragg jew ingurja specjali jew ingurja delitt li huwa differenti mill-hekk imsejha ingurja komuni jew ingurja kontravvenzjonali u dan kif traccjat fis-sentenzi Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar App Krim 12/12/1936; Il-Pulizija vs Frank Attard App Krim 29/12/1958; Il-Pulizija vs Emanuel Pace App Krim 30/4/1993; Il-Pulizija vs Mario Cuschieri App Krim 17/10/1997; Il-Pulizija vs Carmel Farrugia App Krim 16/2/1998; Il-Pulizija vs Joseph Fenech App Krim 25/2/1999; Il-Pulizija vs Joseph Zahra App Krim 9/9/2002; Il-Pulizija vs Josianne Bonello App Krim 16/1/2003; Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech App Krim 10/9/2007 u Il-Pulizija vs Silvio Buttigieg App Krim 16/7/2010. Minn ezami ta' dawn is-sentenzi jokkorri l-konkorrenza ta' hames

elementi. L-allegat kliem jehtieg li jkun sar: a) lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficcjal pubbliku; b) *officio durante vel contemplatione officii; c) de visu*; d) li jkun fil-fatt ingurjuz; u e) *animo iniuriandi*. Fil-kaz hawn skrutinat, la darba l-allegat reat si tratta ta' theddid u mhux ingurja, r-ricerka li trid issir hija biss fil-konfront tal-allegat theddid;

7. Huwa palezi illi wiehed mill-ghanijiet tal-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali hu proprju sabiex jipprotegi lill-ufficcjali pubblici minn theddid fil-qadi ta' dmirijiethom b'mod allura li dawn ma jkunux jistghu jaqdu l-funzjoni ewlenija taghhom fiz-zamma tal-ordni pubbliku fil-modi varji li jgib mieghu dan l-obbligu. It-theddid jista' javvera ruhu b'diversi manjieri u jista' jkun ukoll soggett ghal-gradwatorja fl-effetti tieghu. Pero' l-ligi titkellem dwar "theddid" u thalliha ghall-gudizzju tal-gudikant biex jikkalibra kemm diskors jew azzjoni tista' jew le titqies bhala theddida, dejjem skond il-fatti speci ta' kull kaz. Fil-kaz hawn skrutinat, l-ufficcjal tal-Pulizija xehedet illi malli bdiet tavvicina l-vettura tal-appellant, miexja b'lura fit-triq dak il-hin reza impassabbli minhabba li mghaluqa ghall-iskolar tat-tfal, l-appellant hareg mill-vettura u beda jilmenta li ma kienx sew li ma hallietux isuq u li ried johrog minn dik it-triq. Appena infurmatu li kienet ser tharrku u li ma setghax jipprocedi qabel jghaddi l-hin stipulat anke jekk kien ipparkeggjat hemm, qalilha: "oqghod attenta jekk ha tharrikkni, anzi harrikni pero' tini ukoll n-numru tieghek";

8. Il-verzjoni tal-appellant hija xi ftit differenti meta jghid li wara li gabar lit-tifel tieghu mill-iskola, dahal fil-karozza u startja izda f'daqqa wahda hargulu n-nies fin-nofs, waqaf u rega dahal b' lura f'postu. Dak il-hin giet il-Pulizija u bdiet tghajjat mieghu ghal xejn b'xejn u stqarr maghha li kienet ser tharrku ghal-xejn b'xejn.

Jghid illi ma gholliex lehnu u beda jkellimha bil-mod anke ghaliex kellu t-tifel mieghu. Jichad li qatt qalilha biex toqghod attenta jekk ser tharrku;

9. L-aggravju tal-appellant in rigward, mhux li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija ghaliex kien hemm konflitt fil-provi izda ghaliex l-fatt illi talab lill-kuntistabbli n-numru taghha mghandux jitqies xi forma ta' theddida. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant. In-numru tal-ufficcjal tal-Pulizija, u din il-Qorti ma inghatatx x'tifhem li dak il-hin ma kienetx bl-uniformi, huwa kjarament vizzibbli fuq kull naha tal-ispalla fuq l-uniformi u ghalhekk ma kienx hemm htiega li jitlob ghan-numru taghha jekk mhux bl-iskop ta' affront dirett. L-appellant l-ewwel ghamel theddida diretta meta wissa lill-kuntistabbli biex toqghod attenta jekk tharrku u kompla zied l-forza taghha meta qalilha, "anzi harrikkni pero' tini n-numru tieghek". Kif kostantement rikonoxxut fil-gurisprudenza, meta persuna tkun fis-sewwa u jidhrilha li ufficcjal pubbliku ikun qed jabbuza mill-ufficcju tieghu, certu rimostranza limitata hi mistennija izda fil-kaz odjern il-kliem tal-appellant ma jistghax jitqies bhala semplici rimostranza. L-ewwel Qorti kellha l-opportunita' illi tisma' lill-appellant u hassitha kostretta tistaqsieh jekk dak kienx it-ton li bih tkellem mal-Ufficcjal tal-Pulizija;

10. Kwantu t-tielet imputazzjoni, dik ravvizata fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali, l-fatti kif rakkontati mill-ufficcjal tal-Pulizija ma jurux li l-appellant naqas milli jobdi xi ordni moghti lilu. Ma hemm xejn x'jiddemostra li hu baqa' jsuq jew li kien ordnat li jaghmel xi haga ohra u ghalhekk ma setghetx legalment tinsab htija fuq it-tielet imputazzjoni;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha lliberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni, tikkonfermaha

f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni, tirrevokaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u minflok tilliberah minnha. Tikkonfermaha f'dik il-parti li biha kkundannat lill-appellant ghal-multa ta' €800.